**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU GHOXRIN**

**2 ta' Mejju, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Gwann iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann fis-5.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, l-Vici Sindku David Dalli u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss u Neville Mallia.

**APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Mikhail Micallef avza li ma setghax jattendi minhabba ragunijiet ta' mard.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apologija tieghu bhala ragonevoli.

**ASSENTI**
Ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Ezekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

**20.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

20.1.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-Minuti ta' seduta numru 18 li nzammet fil-21 ta' Marzu, 2011.

20.1.2 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.3 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 18.2.3 il-kelma "Gallina" tinbidel mal-kelma "Gawdieri".

20.1.4 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet unanimament.

20.1.5 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.6 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 18.2.12 jidhlu l-kliem "flimkien ma' ohrajn biex jizfnu fil-Karnival taghna, dawn"

20.1.7 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet unanimament.

20.1.8 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.9 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuti 18.8.4 wara l-kelma traffiku jidhlu lkliem (timed parking)"

20.1.10 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u approvata unanimament.

20.1.11 Il-laqgha kienet sospiza ghal hames minuti (5.50pm sa 5.55pm).

20.1.12 Dwar minuta 18.2.12 kien iccarat li l-partecipazzjoni, kif gie deciz mill-Kunsill, kienet ta' sittin persuna u li r-refreshments kienu drinks u ikel, kif ukoll li fejn hemm referenza ghal confenctionery "La Roma" din trid taqra "Aroma".

20.1.13 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

20.1.14 "Il-Kunsill japprova l-minuti ta' seduta numru 18, kif emendati."

20.1.15 Din il-mozzjoni kienet issekondata mis-Sindku u approvata b'hames voti favur u tlett astenzjonijiet.

20.1.16 Il-Kunsill ikkunsidra l-minuti tas-seduta numru 18(kontinwazzjoni) li nzammet fl-4 ta' April, 2011.

20.1.17 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 18.2.21 jidhlu l-kliem "lil kuntrattur tal-latrina pubblika".

20.1.18 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata unanimament.

20.1.19 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.20 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 18.1.14 jidhlu l-kliem "ghall-ebda".

20.1.21 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici u approvata unanimament.

20.1.22 Il-Kunsillier Joan Farrugia ressqet din il-mozzjoni:

20.1.23 "Il-Kunsill japprova l-minuti tas-seduta 18(Kontinwazzjoni), kif emendati."

20.1.24 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u approvata b'sitt voti favur u zewg astenzjonijiet.

20.1.25 Il-Kunsill ikkunsidra l-minuti tas-seduta numru 19 li nzammet fit-18 ta' April, 2011.

20.1.26 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.27 Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.23a jidhlu l-kliem "fuq talba ta' din".

20.1.28 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet bi seba voti favur u wiehed kontra.

20.1.29 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.30 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.34 jidhlu l-kliem "kienu tressqu lista ta' bankijiet biex tingieb kwotazzjoni".

20.1.31 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u ghaddiet unanimament.

20.1.32 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.33 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuti "l" li jithassru l-ahhar zewg linji u minflok jidhlu l-kliem "li jsiru mill-iktar fis possibli mill-Kunsill."

20.1.34 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

20.1.35 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.36 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.5 il-kelma "gurnata" tigi mibdula mal-kelma "hin".

20.1.37 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u approvata unanimament.

20.1.38 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.39 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.7 jidhlu l-kliem "manutenzjoni tal-bandli".

20.1.40 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u ghaddiet unanimament.

20.1.41 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.42 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.19 jidhlu l-kliem "tal-parti dedikata ghal persuni bi bzonnijiet specjali".

20.1.43 Din l-emenda kienet issekondata mis-Sindku u approvata uananimament.

20.1.44 Emmenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.45 "Il-Kunsill jaqbel li f'minuta 19.1.30 jidhlu l-kliem "biex jinghalqu t-toroq" u jitnehhew il-kliem "kif miftiehem".

20.1.46 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

20.1.47 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.48 "Il-Kunsill jaqbel li fi tmien minuta 19.1.30 jidhlu l-kliem "u dan b'periklu ghal partecipanti, zwiemel u spettaturi. Min-naha lohra iz-zewg pulizija tat-traffiku kienu prezenti".

20.1.49 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata unanimament.

20.1.50 Emenda mressqa mill-Kunsillier Marica Bayliss:

20.1.51 “Il-Kunsill jaqbel li f’minuta 19.1.25 jidhlu l-kliem “wara li l-Kunsillier Joan Farrugia giet infurmata li gie warden u qal lissid il-hanut biex ma thallix il-kaxxa ghax intik citazzjoni, wara li sid il-hanut allegat li kienet moghtija dan il-parir mill-Kunsillier Rita Saliba.”

20.1.52 Din l-emenda kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata b’sitt voti favur u zewg astenzjonijiet.

20.1.53 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

20.1.54 “Il-Kunsill japprova l-minuti ta’ laqgha numru 19, kif emendati.”

20.1.55 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia u approvata b’sitt voti favur u zewg astenzjonijiet.

20.1.56 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.8 il-Kunsill kien infurmat li r-risposta kienet wahda negattiva.

20.1.57 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.3 il-Kunsill kien infurmat li qed tingabar l-informazzjoni dwar il-korisijet tal-first aid.

20.1.58 Fir-rigward ta’ minuta 18.4.2 il-Kunsill kien infurmat li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien ghadu ma baghat l-ebda risposta.

20.1.59 Fir-rigward ta’ minuta 18.2.4 il-Kunsill kien infurmat li ghadu qed jistenna appuntament minghand ic-Chairman tal-MEPA.

20.1.60 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.5 il-Kunsill kien infurmat li se ssir linstallazjoni mitluba.

20.1.61 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.6 il-Kunsill kien infurmat li ma kienet ricevuta l-ebda risposta minghand TM dwar il-bus stop fi Triq il-Kapella u kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb direttament hu.

20.1.62 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.10 il-Kunsill kien infurmat li saru xoghlijiet fis-sistema tad-drenagg tal-latrina pubblika u li ssitwazzjoni tjiebet hafna izda ma kienx possibli li din tigi totalment izolata mis-sistema tal-klabb tal-bocci.

20.1.63 Fir-rigward ta’ minuta 18.8.12 kien iccarat li fit-tindif tat-toroq urbani kien inkluz il-qtugh tal-haxix hazin.

20.1.64 F’dan l-istadju tal-laqgha l-Kunsill unanimament qabel li jiddiskuti issa item numru 5 fuq l-agenda.

**20.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet**

20.5.1 Il-Kunsill kien infurmat li fil-gurnata tal-ftuh tal-kwotazzjonijiet ma kienx hemm l-ammont ta' Kunsillieri mehtiega sabiex isir ilftuh u ghalhekk dan kien se jsir issa. Gie deciz li t-tenders jghalqu fl-10am.

20.5.2 Il-Kunsill ikkunsidra l-kwotazzjoni ghat-tindif tat-toroq mhux urbani.

20.5.3 Kienu ricevuti erba' kwotazzjonijiet minghand Twish Limited ghal €2290, Charles Mifsud ghal €2100, persuna li ma setatx tigi identifikata ghal prezz ta' €3980 u Dimbors Limited ghal €3800.

20.5.4 Kien inottat li l-kwotazzjoni ta' Twish Limited kienet bi triq nieqsa (Triq Willie Apap).

20.5.5 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

20.5.6 "Il-Kunsill jaqbel li l-kwotazzjoni ghas-servizz tat-tindif tat-toroq mhux urbani tigi aggudikata lis-Sur Charles Mifsud peress li hi l-irhas offerta."

20.5.7 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Violet Bajada u ghaddiet b'seba voti favur u astenzjoni.

20.5.8 Il-Kunsill ikkunsidra l-kwotazzjoni ghax-xiri u nstallazzjoni ta' erba' bankijiet.

20.5.9 Il-Kunsillier Joan Farrugia ddikjarat kunflitt ta' nteress peress li nnotat li wiehed mill-offerenti kien membru tal-familja taghha.

20.5.10 Il-Kunsill ikkunsidra li kien hemm diversi proposti differenti li saru u kien hemm qbil li l-Kunsilliera jaraw iktar fid-dettal kull proposta u ssir decizjoni dwar din il-kwotazzjoni f'seduta ohra.

20.5.11 Il-laqgha tal-Kunsill kienet sospiza ghal hames minuti. (7.25pm sa 7.30pm)

20.5.12 Il-Kunsill ikkunsidra l-kwotazzjoni ghall-istampar ta' folders.

20.5.13 Kienu ricevuti zewg kwotazzjonijiet minghand Sky Press ghal €767 u run on ghal €236 u KAP ghal €1143 u run on ghal €899.

20.5.14 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

20.5.15 "Il-Kunsill jaggudika l-kwotazzjoni ghall-istampar ta' folders lil Sky Press peress hi l-irhas wahda."

20.5.16 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Marica Bayliss u ghaddiet unanimament.

20.5.17 Il-Kunsill ikkunsidra l-kwotazzjoni ghas-servizz tat-towing ta' vetturi abbandunati.

20.5.18 Kienu ricevuti zewg kwotazzjonijiet minghand ITS Garage ghal €35 kull vettura u minghand persuna li ma setatx tigi identifikata ghal €46 kull vettura.

20.5.19 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

20.5.20 "Il-Kunsill jaggudika l-kwotazzjoni tas-servizz ta' towing ta' vetturi abbandunati lil ITS Garage peress li hi l-irhas offerta."

20.5.21 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u approvata unanimament.

20.5.22 Il-Kunsill ikkunsidra l-kwotazzjonijiet ricevuti ghal-kiri ta' photocopier.

20.5.23 Kienu ricevuti kwotazzjonijiet minghand tlett kumpaniji u peress li kien hemm diversi proposti kien hemm qbil unanimu li l-Kunsilliera jaraw iktar fid-dettal kull offerta u ssir decizjoni f'seduta ohra tal-Kunsill.

20.5.24 Il-Kunsillier Violet Bajda kienet skuzata mil-laqgha f'dan listadju. (8.00pm)

20.5.25 Il-Kunsill unanimament qabel li jiddiskuti issa item numru 7.

20.7 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Pagamenti**

20.7.1 Il-Kunsill ikkunsidra l-iskedi ta' pagamenti numru 41 u 42 li jinsabu anessi ma' dawn il-minuti bhala dokument "20A" u "20B" rispettivament.

20.7.2 Saret diskussjoni dwar l-iskedi fejn inghata informazzjoni dwar in-nefqa relatata mal-attivita tal-karnival.

20.7.3 Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet din il-mozzjoni:

20.7.4 "Il-Kunsill japprova l-iskedi ta' pagamenti 41 u 42 kif imressqa."

20.7.5 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Rita Saliba u approvata unanimament.

20.7.6 Il-Kunsill qabel li jiddiskuti issa item numru 4.

20.4 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Stqarrijiet Finanzjarji 2011 (Finali)**

20.4.1 Il-Kunsill kien ipprezentat bl-aggustament mghoddija mill-Awdituri Lokali u li emendaw l-istqarrijiet finanzjarji.

20.4.2 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

20.4.3 "Il-Kunsill japprova l-aggustamenti u ghaldaqstant l-istqarrijiet finanzjarji kif emendati."

20.4.4 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Vici Sindku u approvata unanimament.

20.4.5 Il-Kunsill approva li jsiru talbiet li TM ghal parkegg fi Triq Agostino Matrenza.

20.4.6 Saret diskussjoni dwar talba ta' residenti sabiex a spejjez tieghu jirranga l-bankina billi ssir sistema ta' drop kerb ghal access f'garaxx fi Triq is-Santwarju.

20.4.7 Is-Sindku ressaq din il-mozzjoni:

20.4.8 "Il-Kunsill japprova li dan ir-resident jaghmel ix-xoghol mitluba minnhu a spejjez tieghu."

20.4.9 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Neville Mallia u ghaddiet b'erba' voti favur, zewg astenzjonijiet u vot kontra.

20.4.10 Il-Kunsillier Marica Bayliss ikkwalifikat il-vot kontra taghha peress li thoss li din tmur kontra l-ligi ghal niex bi bzonnijiet specjali.

20.4.11 Il-laqgha kienet aggornata fid-8.40pm ghat-30 ta' Mejju, 2011.

Konfermati, illum __ Lulju, 2011

---

Drafted by Adrian Mifsud

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Etienne Bonello DuPius | Kurt Guillaumier |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |